# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Nico Zarb)

vs

Yonathan Esseyas Afewerki

Mustafa Mohamud Mohamed

Kumpilazzjoni Numru: 1053/2023

Illum, hdax (11) ta' Gunju, 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Yonathan Esseyas Afewerki** detentur tal-karta tal-identità bin-numru 161239A u **Mustafa Mohamud Mohamed** detentur tal-karta tal-identità bin-numru 051094A akkuzati talli f'San Giljan nhar il-5 ta' Dicembru tas-sena 2023 ghall-habta tas-sitta ta' filghodu (06:00hrs) gewwa, San Giljan u/jew f'dawn il-Gzejjer Maltin:

Ikkommettew serq ta' mowbajl, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bil-valur liema valur jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad-dannu ta' Christian Serpa u/jew persuni ohra. *(261C, 261F, 267, 270)*

Fl-istess data, lok u cirkostanzi, irrendew ruhhom ricedivi ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, u dan B'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati li saru definittivi u li ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti giet wkoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputati ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati 261C, 261F, 267, 270, 49, 50 u 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ammettew l-akkuzi kif dedotti kontrihom anke wara li nghataw zmien opportun sabiex jikkonsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Stante ammissjoni tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom, il-Qorti qed issib lill-imputati Yonathan Esseyes Afewerki u Mustafa Mohamud Mohamed hatja u tikkundannahom ghal piena ta' disa' (9) xhur prigunerija effettivi.

_______________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**